

31994D0766

30.11.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 305/31

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-21 ta' Novembru 1994****li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fit-Tajwan**

(94/766/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mis-sajd <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni wettqu żjara ta' spezzjoni fit-Tajwan sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom il-prodotti tas-sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tat-Tajwan dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u l-monitoraġġ tal-prodotti tas-sajd jistgħu jkunu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-Uffiċju ta' l-Ispezzjoni u l-Kwarantina tal-Merkanzija ta' Ħtieġa (BCIQ/IKMĦ), l-awtorità kompetenti fit-Tajwan, hija kapaċi li effettivament tivverifika l-applikazzjonijiet tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura għall-kisba taċ-ċertifikat tas-saħħa referuti fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha wkoll tkopri d-definizzjoni tal-mudell taċ-ċertifikat, il-ħtiġiet minimi li għandhom x'jaqsmu mal-lingwa li biha għandu jkun imhejjiji u l-pożizzjoni tal-persuna bil-poteri li tiffirmah;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha tkun imwahnha marka mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd

li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' l-oriġini;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, il-lista tal-istabbilimenti approvati għandha tkun imħejjija; billi din il-lista għandha tkun imħejjija fuq il-bażi tal-komunikazzjoni mill-IKMĦ lejn il-Kummissjoni; billi huwa għaldaqstant għall-IKMĦ li għandu tassigura l-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-IKMĦ kienet ipprovdiet assikurazzjonijiet uffiċjali fir-rigward tal-konformità mar-regoli stabbiliti fil- Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u fir-rigward tat-tweqqif tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni tal-istabbilimenti;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

L-Uffiċju tal-Ispezzjoni u l-Kwarantina tal-Merkanzija ta' Ħtieġa (BCIQ/IKMĦ) huwa magħruf bħala l-awtorità kompetenti fit-Tajwan sabiex jivverifika u jiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

*L-Artikolu 2*

Il-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fit-Tajwan għandhom jilhqqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

1. kull kunsinna għandu jkollha magħha ċertifikat tas-saħħa, innumerat, mimli kif xieraq, iffirmit, iddatat u li jikkonsisti minn karta waħda skond il-mudell kif stabbilit fl-Anness A miġjub hawn taħt;
2. il-prodotti għandhom jiġu minn istabbilimenti approvati elenkati fl-Anness B miġjub hawn taħt;
3. apparti milli fil-każ ta' prodotti tas-sajd bil-massa li huma ffriżati u intiżi għall-nanifattura ta' l-ikel ippreservat, kull pakkett għandu jgħorr l-isem "Tajwan" u n-numru ta' l-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' l-orġini fittri li ma jitħassrux.

*L-Artikolu 3*

1. Iċ-ċertifikat referut fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 għandu jkun imhejjji mill-inqas f'lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru ta' fejn il-kontrolli/t-testijiet huma mwettqa.

2. Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-isem, il-kapaċità u l-firma tar-rappresentat tal-IKMĦ u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur li huwa differenti minn l-indikazzjonijiet l-oħra li jkun hemm fiċ-ċertifikat.

*L-Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 1995.

*L-Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Novembru 1994.

*Għall-Kummissjoni*

René STEICHEN

*Membru tal-Kummissjoni*

L-ANNEX A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tas-sajd u l-akwakoltura li joriġinaw fit-Tajwan u li huma intiżi għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni tal-molluski bivalvi, ta' l-ekinodermi, tat-tunikati u tal-gastropodi tal-baħar, f'kull forma

Nru. Ta' Referenza: .....

Pajjiż tal-kunsinna: it-Tajwan

L-awtorità kompetenti: L-uffiċċju ta' l-Ispezzjon u l-Kwarantina tal-Merkanzija ta' Ħtieġa (BCIQ/IKMĦ)

I. Id-dettalji li jidentifikaw il-prodotti

Id-deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakoltura (1):

— l-ispeċji (l-isem xjentifiku): .....

— il-preżentazzjoni tal-prodott (2) u t-tip tat-trattament: .....

In-numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

Type of packaging: .....

In-numru tal-pakketti: .....

Il-piż nett: .....

Il-ħażna u t-temperatura meħtieġa tat-trasport: .....

II. L-orijini tal-prodotti

L-isem u n-numru uffiċjali ta' l-approvazzjoni tal-istabbilimenti approvati mill-IKMĦ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità:

.....  
.....  
.....  
.....  
.....

III. Id-destinazzjoni tal-prodotti

Il-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakoltura (1) huma mibgħuta:

minn: .....  
(il-post tad-dispaċċ)

lil: .....  
(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bill-mezzi tat-trasport li ġejjin: .....

L-isem u l-indirizz ta' min jibgħat:

.....  
.....

L-isem tal-kunsinnatarju u l-indirizz tal-post tad-destinazzjoni: .....

.....  
.....

(1) Ħassar meta mhux applikabbli.

(2) Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, iffumigat, ippreservat, eċċ.

## IV. L-attestazzjoni tas-saħħa


L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maq'buda u mqandla abbord vapuri bi qbil mar-regoli tas-saħħa stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. kienu maħtuta, mqandla u meta xieraq ippakkjetjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, imneħħija mill-friża u maħżuna iġenikament b'konformità mal-ħtiġiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
3. kienu sottoposti għall-kontrolli tas-saħħa bi qbil mal-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
4. huma pakkjati, immarkati, maħżuna, u trasportati b'konformità mal-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
5. ma' jgħux minn speċji tossiċi jew minn speċji li jkollhom fihom il-bijotossiċi;
6. ġew sottomessi b'mod sodisfaċenti għall-kontrolli/testijiet organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji tal-prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u tad-deċiżjonijiet ta' l-implimentazzjoni tagħha;

Magħmula ..... fil- .....

(il-post)

(id-data)



.....  
 Il-firma tal-ispettur uffiċjali  
 (l-isem f'ittri kbar, il-pożizzjoni u l-kwalifiki tal-persuna li  
 tiffirma)

## L-ANNEX B

## IL-LISTA TAL-ISTABILIMENTI

Numru ta' l-approvazzjoni	L-istabbilimenti	L-indirizz	Il-limitu tad-data ta' l-approvazzjoni
7F30003	Fa Tai Frozen Food Works Co. Ltd	Nru 3, ir-raba' Triq Shin-iu, Chein-chen Dist., Kaohsiung, Tajwan	tat-30.6.1995
7F30058	Union Development Frozen Foods Co., Ltd	Nru 5, Triq Tung Lin, Hsiao Kang Dist., Kaohsiung, Tajwan	tal-31.12.1995
2F00001	Tong Ho Foods Industrial Co., Ltd	67-4 Triq Chung fu, Wu Chieh Hsiang, E-Lan Hsien, Tajwan	tat-30.6.1995
7F30048	Luxe Enterprise Co. Ltd	Nru. 88 Sec. 2 Triq Pei Ning, Nei Pu Hsiang, Ping-tung Hsien, Tajwan	tat-30.6.1995
7F30062	Shin Ho Sing Ocean Enterprise Co., Ltd	Nru 31 L-Ewwel Triq tan-naħa ta' l-Isfel tal-Port, distrett Chein Chen, Kaohsiung, Tajwan	tat-30.6.1995
7F30074	Sanwa Frozen Food Co. Ltd	Nru. 131, Triq Yen Ping, Neipu Hsiang, Pingtung Hsien, Tajwan	tat-30.6.1995
7F30076	Ho Kee Frozen Food Factory Co. Ltd	Nru. 26, Triq Jong Heng, Distrett Hsiao Kang, Kaohsiung, Tajwan	tat-30.6.1995
2F30040	L's Izumi Frozen Food Co. Ltd	Nru. 7 Triq Long Hsiang 1, Suao, E-Lan Hsien, Tajwan	tal-31.12.1995
7F30001	Song Cheng Enterprise Co. Ltd	Nru 469, Triq Chung Cheng,, Fong-Tien, Neipoo, Ping-Tung Tajwan	tal-31.12.1995
7F30075	Just Champion Enterprise Co. Ltd	Nru. 99, Triq Tatung, Nanchow Hsiang, Pingtung Hsien, Tajwan	tal-31.12.1995
2F30017	I-Mei Frozen Foods Co. Ltd	Nru. 244 Triq Fu-Der, Su-ao, I-Lan Hsien, Tajwan	tal-31.12.1995
2F30039	Hochico Marine Processing Corp.	Nru 29 L-ewwel Triq Der Shin, Su-ao, I-Lan, Tajwan	tal-31.12.1995
7F30080	Chreng Hwa Frozen Foods Co/Ltd	1153, Triq Chao Chou, Chao Chou Chen, Pingtung Hsien, Tajwan	tal-31.12.1995
7F30035	Tong Pao Frozen Food Co. Ltd	Nru. 20 Triq Tien Chang, Chiao Tou Shiang, Kaohsiung, Tajwan	31.12.95